MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1290/1994/2

Brian Valenzia ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Arva Insurance Agency Limited u dina in rappresentanza tas-socjeta' estera Norwich Union Fire Insurance Society Limited kif surrogati fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Joseph Saliba abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Joseph Saliba
vs
Isabelle Ruggier

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi, wara li ppremettew: illi waqt li Joseph Cross kien qieghed isuq il-vettura tal-assigurat tal-attur nomine minn Xemxija Hill St Paul's Bay, fil-27 ta' April 1994 huwa safa involut f'incident awtomobilistiku mal-karozza li kienet misjuqa mill-konvenuta u b'risultat ta' dan l-incident il-vettura tal-attur sofriet danni;

Illi dan l-incident gara b’tort unikament tal-konvenut minhabba traskuraggini, imperizja, negligenza, non-curanza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu;

Illi l-attur nomine abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni li ghandu mal-assigurat tieghu ikkompensah tal-hsarat li dan sofra fl-istess vettura u ghalhekk huwa surrogat fid-drittijiet tieghu abbazi tal-polza ta’ assigurazzjoni u tal-ligi. Infatti hallas lill-assigurat is-somma ta’ LM522.49 oltre li l-attur l-iehor hallas is-somma ta' Lm40 f’kiri ta’ vettura waqt li tieghu damet tissewwa;

Illi meta l-konvenuta giet mitluba tikkompensa lill-attur din ma ghamlet assolutament xejn u lanqas biss ma irrispondiet ghall-ittra legali li intbghathietilha;

Talbu li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ ghandhiex:
1. Tiddikjara illi din il-kollizzjoni grat tort unikament tal-konvenuta minhabba negligenza, imprudenza, nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza tal-konvenuta;
2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur, jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi, ammontanti kwantu ghall-LM 522.49 lill-attur nomine u LM40 bhala car hire lill-attur l-iehor;
3. Tikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-atturi is-somma fuq indikata ta’ LM562.49 kif fuq ripartita in linea ta’ danni jew somma ohra verjuri skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali mill-14 ta’ Lulju 1994 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk ta’ zewg ittri legali kontra il-konvenuta li minn issa tibqa’ ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur nomine u l-lista tax-xhieda;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepiet:

1. illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident *de quo* kien jahti l-assikurat tal-attur nomine;
2. illi jsegwi li t-tieni talba ghandha tigi michuda ghax m'hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjenti;
3. illi jsegwi li, riferibilment ghat-tielet talba, m'hemmx danni x'jigi l-konvenuta kundannata thallas lill-attur noe;
4. B'riserva ta' kull azzjoni spettanti lill-eccipjenti kontra Joseph Cross u kontra l-istess attur noe ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali debitament mahlufa fl-udjenza tad-9 ta' Lulju 2003;

Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:

**Kwadru tal-fatti**
Illi l-incident meritu tal-kawza odjerna sehh fil-25 ta' April 1994 Xemxija Hill San Pawl il-Bahar meta ghal habta tat-8.45 am. il-konvenuta gejja mid-direzzjoni tal-Mellieha ssuq il-vettura numru F7119 kienet nizla n-nizla lejn ix-Xemxija, hija sfat involuta f' kollizzjoni mal-vettura numru U9710, proprjeta' tal-attur Joseph Saliba, izda misjuqa minn ibnu Joseph Cross li wkoll kien fid-direzzjoni tan-nizla, izda kien qed jaghmel manuvra sabiex jkiser fuq ix-xellug tieghu ghal go Fekruna Street.

Jidher li waqt li l-konvenuta pprovat tirrsorpassah minn naha tax-xellug, hija laqtet il-karrozza tal-attur fuq il-mudguard tax-xellug ta' quddiem, u baqghet diehla go vettura numru X1267 li dak il-hin insertat kienet ipparkjata fl-inhawi – kif jidher ahjar mill-iskizz tal-pulizija Dok.JM1, liema skizz gie accettat bhala korrett mill-imsemmi Joseph Cross,u ma giex kontraddett mill-konvenuta.

Illi rizultat ta' dan l-incident il-vettura U9710, assikurata mal-attur nomine, sofriet hsara fl-ammont ta' Lm522.49.[1] Inoltre, l-attur Joseph Saliba hallas is-somma ta' Lm40 [2]spejjez ta' kiri ta' karrozza. Dwar dawn id-danni u spejjez ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet.

Versjoni Joseph Cross

Illi fl-affidavit tieghu[3] dan spjega li waqt li huwa kien nizel Xemxija Hill, peress li huwa ried idur fuq ix-xellug tieghu biex jidhol go Fekruna Street, "ghalhekk distanza ragjonevoli qabel…. xeghelt l-indicator tax-xellug, harist mill-mirja biex nara ghandhiex karrozza warajja u ndunajt li kien hemm vettura ohra lura minni distanza ta' circa hamsin pied, u gbidt ftit 'l barra lejn il-lemin tieghi sabiex nista' nidhol go Fekruna Street ….. u hekk kif dawwart biex nidhol go Fekruna Street, il-vettura l-ohra li kont rajt warajjha, qabzitni minn gewwa, cioe' minn fuq ix-xellug tieghi.." u b' hekk saret il-kollizzjoni**.** Joseph Cross qal ukoll li hekk kif il-konvenuta harget mill-vettura taghha "l-ewwel haga li qaltli kienet li hasbitni li kont sejjer indur fuq il-lemin tieghi". Dak il-hin l-indicator ta' wara xellugi kien ghadu mixghul, filwaqt li ta' quddiem tkisser mad-daqqa.

Versjoni konvenuta

Illi fid-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-konvenuta spjegat li hi u niezla Xemxija Hill ma kellhiex traffiku quddiemha, izda rat il-vettura misjuqa minn Joseph Cross "wieqfa f' nofs it-triq bla ebda sinjal fil-car, b'mod li ma kien hemm xejn x' jindika li [dina] kienet ser tikser lejn il-Fekruna".[4] Meta hi "bdiet ha tghaddi fuq ix-xellug tar-Renault din iccaqalqet u kisret lejn ix-xellug b' mod li sar l-iskontru bejn iz-zewg vetturi."

Illi fir-road accident report anness mal-iskizz tal-pulizija, hemm imnizzel li a tempo vergine, filwaqt li Joseph Cross

[1] Doki.DB2 – DB8
[2] Dok.DB1
[3] 16 ta' Awissu 1996
[4] Fol.8

qal li l-indicator tax-xellug kien mixghul fil-hin tal-incident, il-konvenuta “stated that she didn’t see it.”

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi din l-Qorti wara li ezaminat ir-rapport tal-Perit Legali kif ukoll in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenuta, tikkonsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet.

Illi din il-Qorti ma tikkondividix il-konkluzjoni raggjunta mill-Perit Legali li ma hemm xejn censurabbli fis-sewqan ta’ Joseph Cross u li ghall-incident ghandha tirrispondi unikament il-konvenuta. Fil-fehma tal-Qorti, iz-zewg zewwieqa naqsu mill-obbligu taghhom, ghalkemm fi gradi differenti, ta’ sewqan diligenti kif ic-cirkostanzi tal-kaz u l-konfigurazzjoni tat-triq kienu jirrikjedu.

Il-Qorti tirravvisa nuqqas ta’ diligenza fis-sewqan da parti tal-konvenuta meta dina, nonostante li kienet rat il-vettura ta’ Joseph Cross wieqfa’ f’ nofs tat-triq, u nonostante li kif sostniet hi mar ratx indicator mixghul u allura ma steghetx tkun konxja tal-manuvra prospetta minn dan is-sewwieqa, hija xorta wahda baqghet ghaddejja b’ certu velocita’ u pprovat tissorpassah, kontra r-regolamenti tat-traffiku u kontra l-buon sens, min naha ta’ gewwa. Bir-rizultat li hekk kif dana kiser ghal fuq ix-xellug, dina baqghet diehla fih, tilfet il-kontroll u baqghet diehla go karrozza ipparkjata fl-inhawi – cirkostanza li turi li dina fl-ebda stadju ma waqfet il-vettura taghha biex taccerta ruhha minn dak li kien ser jghamel is-sewwieq ta’ quddiemha.

In propositu l-Qorti tirrileva li fid-dawl tac-cirkostanzi li pprezentaw ruhhom quddiem il-konvenuta meta din rat il-vettura tal-Cross wieqfa fin-nofs, l-minimu li kellha taghmel din is-sewwieqa kien li tirrallenta l-velocita’, anke okkorrendo tieqaf kompletament, sakemm taccerta ruhha li setghet taghmel il-manuvra li ghamlet minghajr ebda riskju; izda la darba hija ddeciedit li tissorpassa minn naha ta’ gewwa, dan ghamlitu b’ riskju u b’ responsabblita’ taghha ghall-konsegwenzi dannuzi li sehhew. Li kieku l-konvenuta hadet din il-prekawzzjoni elementari, li hija konsegwenza tal-principju tal-proper look out, kieku ma

kienitx timmisinterpreta l-manuvra ta’ Joseph Cross meta dana kiser naqra lejn il-lemin biex idur ghax-xellug.

Illi minn naha l-ohra l-Qorti tirravisa nuqqas ta’ diligenza da parti tas-sewwieq Joseph Cross meta dana, nonostante li ra l-vettura tal-konvenuta gejja minn naha ta’ warajh f’ distanza ta’ circa 50 pied, huwa xorta wahda ddecieda li jaghmel il-manuvra prospettata minnu u jikser fuq ix-xellug tieghu. Huwa minnu li l-konvenuta ma kellhiex tipprova tissorpassa minn naha ta’ gewwa, izda minn naha l-ohra, Joseph Cross, li kien qieghed wieqaf f’ nofs it-triq u ghalhekk kien ta’ ostakolu ghas-sewwieqa bhal konvenuta li kienu gejjin bid-dritta minn warajh, kellu l-obbligu li qabel ma jikser lejn ix-xellug huwa, mhux biss jaghmel l-indicator, izda jaccerta ruhu li dawk li s-sewwieqa ta’ warajh jkunu fehmu dak li kien ser jaghmel. Il-fatt li Joseph Cross xeghel l-indicator ma jezonerahx mill-obbligu tieghu bhala sewwieq li qed jostakola t-traffiku gej bid-dritt, li jiehu l-prekawzzjonijiet kollha biex jaccerta ruhu li huwa seta’ jibda, jaghmel u jittermina l-manuvra tieghu minghajr riskju u perikolu ghat-traffiku kemm dak li jkun gej minn quddiemu kif ukoll dak li jkun gej minn warajh, multo magis meta bhal fil-kaz prezenti huwa jkun konxju tal-fatt li gejja vettura minn warajh. L-obbligu tieghu kien li qabel ma jittanta l-manuvra jaccerta ruhu li s-sewwieq ta’ dik il-vettura kien induna li dana zer jikser ghal fuq ix-xellug. *Multo magis*, kunsidrat il-fatt li qabel ma kiser lejn ix-xellug hu gibed ftit ghal fuq il-lemin biex jkun jista’ jisker ghal go Fekruna Street.

Kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali in re: ***Pulizija vs Joseph Muscat,*** [5] “Min ikun qed isuq, ghalkemm ma jghamilx dawk il-kalkoli matematici li huma mehtiega biex fil-Qorti jigi apprezzat u gudikat il-kaz, ghandu pero’ jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku d-distanzi u l-kollizzjonijiet huma kwistjoni ta’ sekondi; u ghalhekk is-sewwieq ghandu jirregola l-ghemil tieghu fis-sewqan konformament”.

[5] Deciza 7 ta’ Gunju 1995

Fil-kaz in disamina l-Qorti hija tal-fehma li l-kawza prossima u immedjata tal-incident odjern huwa in-nuqqas ta' kawtela u diligenza ta' bonus paterfamiljas dettati mic-cirkostanzi tal-kaz, kemm da parti tal-konvenuta li ghalkemm rat il-vettura tal-attur wieqfa fin-nofs ma accertax ruhha mill-manuvra prospettata mis-sewwieq taghha, kif ukoll da parti ta' Joseph Cross li ghalkemm induna li kienet gejja vettura minn warajh ma accertax ruhu li s-sewwieq taghha induna bil-manuvra li kien ser jaghmel. F' dawn ic-cirkostanzi il-Qorti hija tal-fehma li r-responsabbilita' ghall-incident de quo ghandha tinqasam ugwalment bejn iz-zewg sewwieqa; u ghalhekk ir-responsabbilita' tal-konvenuta ghad-danni sofferti mill-atturi hija limitata ghall-ammont ta' Lm281.25 u cioe' ghal-nofs s-somma ta' Lm562.49 fuq indikata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett in parte tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa' parzjalment it-talbiet attrici kif ser jinghad: tiddikjara li ghall-incident indikat fl-att tac-citazzjoni huma responsabbli fi kwoti wgwali kemm il-konvenuta kif ukoll Joseph Cross; illi nofs id-danni dovuti lill-attur nomine jammontaw ghal mitejn wiehedu sittin lira maltin u hamsa u ghoxrin centemzu [Lm261.25] u nofs l-ispejjez dovuti lill-attur Joseph Saliba jammontaw ghal ghoxrin lira maltin [Lm20] – b' kollox Lm281.25 ; tikkundanna lill-konvenuta thallas dawn l-ammonti lill-atturi, bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-att tac-citazzjoni. L-ispejjez jigu sopportati mill-partijiet f' zewg kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------